

## II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

## DEĊIŻJONIJIET

## KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tat-8 ta' Diċembru 2008**

**li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill**

(2008/945/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagraphu ta' l-Artikolu 207(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 41(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 2 (2) ta' l-Anness III tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill (¹),

Billi:

(1) L-Artikolu 11(5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill (minn hawn 'il quddiem imsejħin "ir-Regoli ta' Proċedura") jipprovdli meta deċiżjoni għandha tigħi addottata mill-Kunsill b'maġġoranza kwalifikata, u jekk membru tal-Kunsill hekk jitlob, għandu jiġi verifikat li l-Istat Membri li jikkostitwixxu din il-maġġoranza kwalifikata jirrappreżentaw mill-inqas 62 % tal-popolazzjoni totali ta' l-Unjoni Ewropea kalkolata abbażi taċ-ċifri tal-popolazzjoni li jidhru fl-Artikolu 1 ta' l-Anness III tar-Regoli ta' Proċedura.

(¹) Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/683/KE, Euratom tal-15 ta' Settembru 2006 li taddotta r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill (ĠU L 285, 16.10.2006, p. 47).

(2) L-Artikolu 2(2) ta' l-Anness III, tar-Regoli ta' Proċedura, dwar regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet rigward l-ippeżar tal-voti fil-Kunsill jiprovvdi li, b'seħħ mill-1 ta' Jannar ta' kull sena, il-Kunsill għandu, konformement mad-data disponibbi fl-Uffiċċju ta' l-Instatistika tal-Komunitajiet Ewropej fit-30 ta' Settembru tas-sena ta' qabel, jaddatta ċ-ċifri li jidhru fl-Artikolu 1 ta' dak l-Anness.

(3) Ir-Regoli ta' Proċedura għandhom jiġu emendati kif meħtieġ għas-sena 2009,

## IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

## Artikolu 1

Fl-Anness III tar-Regoli ta' Proċedura, l-Artikolu 1 għandu jiġi sostitwit bit-test li ġej:

## “Artikolu 1

Għall-finijiet ta' l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 205(4) tat-Trattat KE, l-Artikolu 118(4) tat-Trattat Euratom, it-tielet subparagraphu ta' l-Artikolu 23(2) u l-Artikolu 34(3) tat-Trattat UE, il-popolazzjoni totali ta' kull Stat Membru għall-perijodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2009 għandha tkun kif ġej:

Stat Membru	Popolazzjoni (× 1 000)
Il-Ġermanja	82 217,8
Franza	63 753,1
Ir-Renju Unit	61 224,1
L-Italja	59 619,3

Stat Membru	Popolazzjoni (x 1 000)
Spanja	45 283,3
Il-Polonja	38 115,6
Ir-Rumanija	21 528,6
L-Olanda	16 405,4
Il-Greċċa	11 213,8
Il-Belġju	10 666,9
Il-Portugal	10 617,6
Ir-Repubblika Ċeka	10 381,1
L-Ungerija	10 045,4
L-Isvezja	9 182,9
L-Awstrija	8 331,9
Il-Bulgarija	7 640,2
Id-Danimarka	5 475,8
Is-Slovakja	5 401,0
Il-Finlandja	5 300,5
L-Irlanda	4 401,3
Il-Litwanja	3 366,4
Il-Latvja	2 270,9
Is-Slovenja	2 025,9

Stat Membru	Popolazzjoni (x 1 000)
L-Estonja	1 340,9
Ċipru	789,3
Il-Lussemburgu	483,8
Malta	410,3
It-Total	497 493,1
Il-livell mitlub (62 %)	308 445,7".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett mill-1 ta' Jannar 2009.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmulu fi Brussell, 8 ta' Diċembru 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

B. KOUCHNER